**L-arja tal-ħelsien**

X’tiswa l-kattiverja
Il-qalb fil-vendetta?
X’ħa tirbaħ b’kefrija
It-triq stretta stretta?

Djuq il-bniedem telfa
Għad-dinjità tiegħu,
Ismu jittebbagħlu
X’toqla tibqa’ miegħu.

Taħseb int li taħqar
Li l’Alla li int tqim,
Mhux kontrik għad idur
U jkaxkrek bit-tilwim?

Hemm ħuk li għaffiġtu
L-għajta tiegħu telgħet,
Fis-sema pajjiżna
Ħtijietu inbelgħet.

Biex tibqa’ biss tiegħi
Li ppersegwitajtu,
X’baqagħlek int tgħidlu
Donnok iġġamjajtu.

‘Mma l-istorja isseħħ
Alla qiegħed kontrik,
Jiddefendi liż-żgħir
Li b’għeltu qed jixlik.

La għadek fiż-żifna
Ieqaf mingħajr dewmien,
Ħallieh jgħix dik ħajtu
Hawn l-arja tal-ħelsien.

Patri Mario Attard OFM Cap
1 ta’ Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.